**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-tmienja u sebghin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 18 ta'Mejju 2010 fis-6:30 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.35 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 77**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** L-Agent S.E. informa li l-applikazzjoni kienet ser tittiehed l-Enemalta ghada.

**3.2** ***Para 3.2 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart:*** Gie unanimament deciz li l-Kunsill iqabbad lis-Sur Joe Bugeja sabiex iqassam *leaflets* ta' nformazzjoni ipprovduti lilna minn Green MT dwar x'jista u ma jistax jintrema fil-boroz il-grizi u s-suwed sabiex inkomplu nedukaw lir-residenti taghna. L-Agent S.E. informa li l-istatistika dwar kemm qed jingabar skart organiku u separat ghadha mhiex lesta u tigi ipprezentata f'laqgha ohra.

**3.3** ***Para 3.3 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li d-direttur fi hdan id-Dipt. tal-Propjeta' tal-Gvern kien infurmah li bhalissa kienu qed jahdmu fuq il-pjanti li pprovda l-Kunsill u li huwa ttamat li sa tmiem il-gimgha d-diehla jkollna risposta.

**3.4** ***Para 3.5 – Haddiema mal-Kunsill*:** Il-Kunsill innota li jidher li gie registrat xi progress fil-hidma ta' wiehed mill-haddiema. L-Agent S.E. ntalab sabiex ikompli jsegwi mill-qrib dawn il-haddiema, jipprepara lista ta xoghlijiet ghall-haddiem ta' l-IPSL u jinforma lill-Kunsill bil-progress li jkun inkiseb.

**3.5** ***Para 3.6 -- Rapport SEAP :*** Qabel ma bdiet il-laqgha, l-Inginier A Busuttil kien

spjega lill-Kunsill l-emendi li kienu saru fil-Pjan mill-ahhar laqgha 'l hawn kif ukoll wiegeb xi mistoqsijiet dwar il-Pjan. Dan il-Pjan gie approvat unanimament u ghalhekk fil-granet li gejjin ser jintbghat lill-istituzzjoni tal-Patt tas-Sindki ta l-U.E.

**3.6** ***Para 3.7 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li wara laqgha li kellu ma ufficcjali ta' Green MT fejn gie spjegat lilhom l-emendi li l-Kunsill xtaq jara fil-kuntratt, aktar kmieni llum kien gie nfurmat verbalment li kien hemm qbil fuq l-aktar punti mportanti ghall-Kunsill u li l-kuntratt emendat ghandu jkun ghand il-Kunsill fil-granet li gejjin. L-Agent S.E. ntalab sabiex ikompli jsegwi mill-qrib l-inkluzjoni tat-talbiet taghna halli dan il-kuntratt, li issa ilu pendenti mill-15 ta Marzu, jigi iffirmat.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-6.45 p.m.***

**3.7** ***Para 3.10 – Photovoltaic Tender*:** L-Agent S.E. informa li kif approvat fl-ahhar laqgha huwa kien gab kopja tal-*Letter of Acceptance* li nharget lill-kuntrattur maghzul. Ghalkemm il-maggor parti tal-Kunsilli lesti biex jinstallaw dan l-apparat tezisti problema peress li hawn nuqqas kbir ta' *inverters* u li dawn mistennija li jkunu lura fis-suq fi zmien 6 xhur. Gie unanimament deciz li naraw jistax li jigi installat l-apparat kollu u wara jigi installat l-*inverter*.

**3.8** ***Para 3.11 – Maintenance Agreement Lift*: –** L-Agent S.E. informa li l-ispezzjoni mill-Inginier imqabbad mill-Kunsill kienet saret fil-granet li ghaddew u dan sab 4 punti li hemm bzonn li jitrangaw sabiex il-*lift* ikun 100% konformi mar-regoli tal-OHSA. Gie unanimament deciz li wara li nikkonfermaw id-data ta' l-iskandenza tal-garanzija, ghandna nsibu *technician* li jsewwi l-*lifts* sabiex isir ix-xoghol mitlub mill-Inginier.

**3.9** ***Para 3.13 – Skema Ta' Ghajnuna Finanzjarja Ghal Korsijiet Lifelong Learning:*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li hu kien ghaddej f'tahdidiet ma Art Club 2000 sabiex isiru korsijiet ta' tpingija. Gie unanimament deciz li malli jkollu d-dettalji kollha huwa ghandu jghaddihom lill-Agent S.E.

**3.10** Fis-7.05 pm inghaqad mal-Kunsill l-Awditur imqabbad mill-Gvern Centrali sabiex jaghmel awditjar tal-kotba tal-Kunsill Lokali. Hu spejga r-rizultat ta' l-awditjar tieghu kif ukoll l-*Audited Accounts* ghad-disa xhur li ghalqu fil-31 ta' Dicembru 2010 u l-*Management Letter*.

Wara li l-Awditur wiegeb ghal xi domandi mressqa mill-Kunsillieri, l-imsemmija *Audited Accounts* u *Management Letter* gew approvati unanimament mill-Kunsill u s-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati li jiffirmaw l-*Audited Accounts* u li jwiegbu ghall-*Management Letter*.

**3.11** ***Para 3.15 –:*** L-Agent S.E. informa li l-bankijiet kienu gew ordnati wara li l-kuntrattur kien ipprovda l-garanzija bankarja u iffirma l-kuntratt.

Rigward il-fanali gie deciz li niccekkjaw mal-kuntrattur li nstalla l-fanali fi Triq

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

il-Kbira, B'Kara u naraw jekk il-prezz taghhom hux simili ghal dawk il-fanali li kienu ikkwotati fit-*tender*.

Rigward il-latrina pubblika, l-kuntrattur li mieghu saru t-tahdidiet u li kien issottometta l-aktar offerta vantaggjuza skond l-analizi li kien ghamel il-Kunsill, kien wiegeb ghal xi domandi mqajjma waqt il-laqgha pero jidher li fuq xi domandi ohra ghadna qed nistennew risposta. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-Kunsillier M. Mifsud u l-Agent S.E. ikomplu isegwu risposta kompluta minghand il-kuntrattur.

Rigward il-website, l-Agent S.E. informa li ghadu qed jistenna risposta dwar il-*hosting*.

**3.12** ***Para 3.17 – Festi Centinarji Nar:*** Is-Sindku spjega li b'mod generali c-celebrazzjonijiet kollha marru tajjeb u kien hawn attendenza tajba. Huwa qal li sfortunatament, mis-6 *bins-on-wheels* li krejna minghand id-Dipt. ghall-Indafa Pubblika kienu nstabu biss 4 u ghalhekk il-Kunsill ser ikollu jhallas € 25 ghal kull *bin* li kien nieqes. Dan gie approvat unanimament u gie deciz ukoll li ghall-futur, il-Kunsill jixtri 6 tankijiet kbar sabiex jintuzaw meta fir-rahal tigi organizzata attivita' tal-massa.

**3.13** ***Para 3.18 – Ghar San Brinkat*****:** Il-Kunsillier P. Fenech informa li l-Arkeologu s-Sur Ernest Vella kien ser jaghmel spezzjoni ta l-ghar nhar il-Hadd 30 ta' Mejju.

**3.14** ***Para 3.19 – Xiri ta' Kotba ghall-Librerija:*** L-Agent S.E. informa li l-kotba kienu gew ordnati.

**3.15** ***Para 3.20 – Xiri ta' Unit:*** L-Agent S.E. informa li din il-Unit kienet giet ordnata.

**3.16** ***Para 5.1 – Double Yellow Line Triq San Nikola:*** Is-Sindku nforma li wara li kienet saret spezzjoni fuq il-post gie innotat li ftit huma dawk l-okkazjoniet li fihom ikun hemm problema sabiex jghaddu l-vetturi filwaqt li jekk isir id-*Double Yellow Line* jitnaqqas l-ispazju ghall-parkegg matul il-gurnata kollha. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li x-xoghol approvat fl-ahhar laqgha ghalissa ma jsirx.

**3.17** ***Para 5.2 – Double Yellow Lone Triq San Gwann:*** Is-Sindku spjega li anke hawn jekk isir id-*Double Yellow Line* kif approvat fl-ahhar laqgha jista jkun li ser jinholoq inkonvenjent iktar milli tissolva l-problema. Il-Kunsillier M. Mifsud offra li ikellem lil persuni li joqghodu fil-vicinanzi sabiex naraw il-veduti taghhom dwar il-kaz u decizjoni finali tittiehed f'laqgha ohra.

**3.18** ***Para 6.12 – Progett Naxxar :*** Is-Sindku spjega li r-risposta minghand il-Kunsill Naxxar kienet wahda evaziva u ghalhekk konna ergajna ktibna nitolbu aktar dettalji. Gie unanimament deciz li jekk nibqghu ma nircievu xejn jew ma nkunux sodisfatti bir-risposta, l-kaz ghandu jigi riferut lil Transport Malta.

**3.19** ***Para 6.15 – Healing Service:*** L-Agent S.E. informa li huwa kien tkellem ma' l-organizzaturi ta' l-attivita u li dawn kienu komplew jinsistu li din l-attivita' issir fi Triq San Bartilmew quddiem il-knisja. Fic-cirkostanzi l-Kunsill unanimament iddecieda li jaghti permess sabiex l-attivita ssir fil-parti ta' fuq ta' Triq San Bartilomew (Bejn Misrah il-Knisja u Triq San Gwann). Ghandu jkun hemm il-prezenza tal-Pulizija kemm waqt l-armar u zarmar kif ukoll waqt li tkun ghaddejja l-attivita'. L-access ghat-traffiku kemm fil-Pjazza kif ukoll fi Triq San Gwann ghandu jibqa miftuh. Ir-residenti ta' Triq San Bartilmew ghandhom jigu infurmati minn qabel b'din l-attivita'.

**3.20** ***Para 7.2 – Progett MTA :*** L-Agent S.E. informa li aktar kmieni llum huwa flimkien mal-Vici Sindku kien attenda ghal laqgha ma' l-MTA u ufficcjali mid-Dipt. tal-Propjeta tal-Gvern fejn il-Kunsill insista li l-post ghandu jigi devolut lill-Kunsill u ma jaghmilx sens li progett bhal dan jigi ostakolat minn terzi. Fic-cirkostazi gie unanimament deciz li ghal-laqgha ta' nhar il-Gimgha li fiha ser jattendu rapprezentanti mill-Ghaqda Astronamika Maltija l-Kunsill ghandu jattendi u jinsisti li d-devoluzzjoni ssir lilu imbghad ikun hemm ftehim privat bejn il-Kunsill Lokali u l-ghaqda imsemmija dwar kiri ta' parti mill-post.

**3.21** ***Para 7.5 – Huggiega ta' San Gwann :*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien ghadu qed jahdem ghal din l-attivita u aktar dettalji ser jinghataw fil-laqgha li gejja.

**3.22** ***Para 7.6 – Tahrika dwar Kelb :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien tela l-Qorti minhabba t-tahrika tal-Pulizija dwar kawza ma residenti li halli l-kelb jiggerra fi Triq Fidiel Zarb. Hu qal li s-sidien tal-kelb ma kienux telghu u ghalhekk il-kawza ma saritx.

**3.23** ***Para 7.7 – Gemellagg :*** B'riferenza ghall-kummenti espressi fl-ahhar laqgha tal-Kunsill, il-Vici Sindku spjega li l-ewwel gemellagg li hdimna fuqu ma kienx irnexxa peress li wara li kienet saret l-elezzjoni fil-Comune ta' Castione della Presolana kienet inbidlet il-maggoranza tal-Kunsill u l-membri l-godda deherilhom li ahjar ma jkomplux fuq il-Gemellagg.

Rigward Giarratana, huwa qal li l-kuntatti inbdew fuq inizjattiva personali tieghu u minghajr ebda spejjez ghall-Kunsill u fl-ahhar jiem hu kien rega kellimhom u dawn ikkonfermaw li huma ghadhom interessati hafna u bhalissa kienu qed jahdmu fuq il-logistika u dwar min ser jiehu hsieb il-gemellagg minn naha taghhom. Hu qal ukoll li ghalkemm personalment hu responsabbli direttament mill-Gemellaggi hu qatt ma qal li Kunsillieri ohra ma jistghux jahdmu fuq dan is-suggett u ikkonferma li m'ghandu l-ebda hsieb li jiehu fuqu il-mertu ta' xi inizzjattiva li tkun imbdiet min xi Kunsillier iehor. Ghalhekk heggeg lill-Kunsillieri sabiex jekk huma ghandhom f'idejhom xi opportunita' li jaghmlu xi gemellagg sabiex ifittxu jahdmu minghajr dewmien halli forsi dan isehh. Il-Kunsillier P. Fenech informa li f'Novembru hu kien ser imur gewwa l-Italja fuq zjara privata u li waqt din iz-zjara kien ser jipprova jahdem fuq gemellagg mal-

lokalita' ta' Trillio jekk in-negozjati ma' Giarratana ikunu fallew.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament. Gie unanimament approvat ukoll li jsir il-hlas dovut lil-Galea Mini Market ta € 35.47 u lill-Agent S.E. ta € 198 ghal spejjez li saru wara li kienet harget l-iskeda ta' pagamenti.

**4.2** Il-lista ta' nfieq li saret mill-*Petty Cash* matul April 2010 u li kopja taghha kienet intbghatet ma' l-Agenda giet approvata unanimament.

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talba sabiex tinzabar sigra tat-tin li hemm fuq il-Pont ta' Wied id-Dis. Din it-talba giet milqugha u gie unanimament deciz li x-xoghol isir mill-ELC.

**5.2** Talba sabiex tinzabar sigra tat-tut li hierga minn propjeta privata fi Triq 31 ta' Marzu. Gie unanimament deciz li nitolbu lil sid il-propjeta sabiex jaghmel iz-zbir mehtieg kemm jista jkun malajr.

***Bi qbil unanimu bejn dawk prezenti, gie deciz li Item 7 fuq l-Agenda tigi diskussa qabel Item 6***

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Is-Sindku nforma li kien beda x-xoghol fuq il-harga tal-fuljett li jmiss li trid titqassam sa l-ahhar ta' Gunju. Huwa qal li din il-harga ser ikollha l-programm ta' Jum il-Gharghur sabiex jigi evitat il-hrug ta' *leaflet* separat. Dan gie approvat unanimament.

**7.2** Is-Sindku ta' dettalji dwar l-attivita' tal-Vgili tal-Pentekoste li ser issir gewwa l-lokalita' taghna nhar is-Sibt li gej. Huwa qal li ghall-okkazjoni kienu ser jintramaw madwar 3,000 siggu u dawn ser jitqassmu bejn Misrah il-Knisja, Triq San Bartilmew, Triq Mons. L. Catania, Triq 31 ta; Marzu u Triq l-Oratorju. Huwa qal li bi qbil mal-Pulizija dawn it-toroq kienu gew dikjarati *Tow Zone* u li dawn ser ikunu maghluqa ghal kull traffiku bejn id-9:00 am u l-11:00 pm. Huwa qal li l-Kunsillieri kollha kienu gew mistiedna sabiex jattendu ghal din l-attivita' u li kien ser ikollhom post riservat ghalihom u ghalhekk talab lill-Kunsillieri sabiex jinfurmaw lill-Agent S.E. bin-numru ta' persuni li ser ikunu ser jattendu. Gie unanimament deciz li r-residenti li joqghodu fit-toroq fejn ser jintramaw is-siggijiet kif ukoll residenti li joqghodu f'toroq fil-vicinanzi li ser ikunu milquta mill-gheluq li ser isir tat-traffiku, jigu infurmati minn qabel.

**7.3** Il-Kunsillier M. Mifsud ipprezenta kopja ta' kuntratt li s-St. Joseph Sports Club kienet iffirmat mal-Kunsill Malti ghall-iSport dwar l-art fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki liema kuntratt kien jistipula li riedet issir applikazzjoni mal-MEPA ghal zvilupp tas-sit fi zmien 6 xhur mid-data ta' l-iffirmar tal-ftehim. Hu qal li minn informazzjoni li ghandu din l-applikazzjoni ma saritx filwaqt li z-zmien sa meta din riedet issir kien skada. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ninfurmaw lill-Kunsill Malti ghall-iSport b'dan in-nuqqas.

**7.4** Is-Sindku ta' dettalji dwar l-istrategija ippreparata mill-Majjistral Action Group u qal li jidher li din ser tigi accettata u li huwa ttamat li fil-granet issir stqarrija ufficcjali dwar dan. Kopja qasira ta l-istrategija giet moghtija lill-Kunsillieri.

***Il-Kunsillier M. Mifsud halla l-laqgha fid-9:10pm minhabba mpenji ohra.***

**7.5** L-Agent S.E. informa li kienu dahlu 9 applikazzjonijiet ghal kors ta' l-ghawm. Peress li hemm numru zghir ta' applikanti, gie unanimament deciz li qabel ma nipprocedu aktar ghandna niccekkjaw dwar jekk l-applikanti ghandhomx bzonn trasport. Decizjoni finali dwar l-organizzazzjoni ta dan il-kors tittiehed f'laqgha ohra.

**7.6** L-Agent S.E. talab sabiex l-ammont massimu li jista jinzamm bhala *Petty Cash* mill-Kunsill jitla minn € 116.47 ghal €232.94. Hu qal li dan il-massimu hu skond il-ligi u dan sabiex jigi evitat li noqghodu mmorru spiss l-bank il-Mosta sabiex insarrfu c-cekk. Din it-talba giet approvata unanimament.

**7.7** L-Agent S.E. ipprezenta l-offerti li konna rcivejna wara sejha pubblika ghall-Poloz tas-Sigurta' tal-Kunsill (ara dettalji annessi). Gie unanimament deciz li tinghazel l-offerta ta' Island Insurance Brokers kif mahruga minn Citadel Insurance ghas-somma ta' €1,275.19 peress li kienet l-aktar wahda vantaggjuza skond il-valur.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar il-posizzjoni tas-S.E. tal-Kunsill meta din tirritorna lura mill-*Career Break* li applikat ghalih is-sena l-ohra.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza minghand il-Kumitat Kunsilli Energija Alternattiva fejn intbghatu l-minuti ta' l-ahhar laqgha.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza minghand l-IPSL ghat-talba taghna sabiex jigi assenjat haddiem iehor maghna.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Korrispondenza minghand l-AKLM dwar il-pubblikazzjoni tas-SEAP.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.6** Korrispondenza minghand l-Arcidjocesi ta' Malta dwar il-Vgili tal-Pentekoste li ser issir gewwa l-lokalita' taghna fejn il-Kunsill gie mistieden sabiex jattendi b'mod ufficcjali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Korrispondenza minghand il-WSC dwar pagamenti pendenti dovuti lil-Kunsill.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li jekk jibqa ma jintlahaqx ftehim dwar l-ammont dovut ufficcjali mill-WSC jigu mistiedna izuru t-toroq fejn saru x-xoghlijiet halli jikkonfermaw it-talba taghna.

## 8 Aggornament

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fl-10:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tnejn 31 ta' Mejju 2010 fis-7:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **31 ta' Mejju 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# Skeda ta' Kwotazzjonijiet

***Wara sejha ghal kwotazzjonijiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-27 ta' April 2010 ghal Polza tal-assigurazzjoni ghall-htigijiet tal-Kunsill Lokali kif specifikat fid-dokumenti tal-kwotazzjoni, l-Kunsill ircieva l-kwotazzjonijiet ta' hawn taht meta dawn ghalqu fit-12 ta' Mejju 2010 :***

| Agent ta' l-Assigurazzjoni | Kumpanija ta' l-Assigurazzjoni | Ammont |
|---|---|---|
| | | |
| *Island Insurance Brokers Ltd* | *Citadel Insurance p.l.c.* | *€ 1,275.19* |
| " | *Middlesea Insurance p.l.c* | *€ 1,291.42* |
| " | *Laferla Insurance Agency Ltd* | *€ 1,363.42* |
| " | *Certain Underwriters at Lloyd's through SMS Insurance Agency Ltd* | *€ 2,014.34* |
| | | |
| *Middlesea Insurance Brokers* | *Citadel Insurance p.l.c.* | *€ 1,287.42* |
| " | *Middlesea Insurance p.l.c.* | *€ 1,328.89* |
| | | |
| *First United Insurance Brokers Ltd* | *Citadel Insurance p.l.c.* | *€ 1,297.42* |